MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 260/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Norbert Ciappara)**
**Vs**
**Daren Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat (ID 247477 (M)) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

**1.** F'dawn il-Gżejjer, fis-sitta ta' Frar 2003 kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li

jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, **liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-użu personali tiegħu.**

2. Fis-sitta ta’ Frar 2003 kellu fil-pussess tiegħu pjanta Cannabis, kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Sar reċidiv fit-terminu ta’ Art 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel fit-22 ta’ Frar 1995 Awla 6.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-28 ta’ Mejju, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 8(d), 9, 10, 11, 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Ewwel Skeda w ir-Raba’ w is-Sitt Taqsima tal-istess Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta w ir-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) u l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellat ħati tal-ewwel u tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfronti tiegħu u kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija w multa ta’ tmien mitt Euro (€800). Il-Qorti ddikjarat lill-appellat mhux ħati tat-tielet akkuża miġjuba fil-konfronti tiegħu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuża.

B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti kkundannat lill-appellat sabiex sa żmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub iħallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ mitejn u disgha w disghin Euro u tnejn u tletin Euro ċentezmi (€299.32), liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta’ esperti f’dan il-każ.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita liema distruzzjoni għandha ssir taħt is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Ġunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet ħtija kontra Darren Debono u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti applikat il-piena w wara tinfliġġi kontra l-appellat il-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant (l-Avukat Ġenerali) fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti erogat piena li fiċ-ċirkostanzi tal-każ hija piena mtaffija iżżejjed kif ukoll hija taħt il-minimum preskritt mil-ligi.

Illi l-appellant huwa edott li mhux normali li din il-Qorti tal-Appell tindaħal u tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena dment li dik il-piena tkun entro l-parametri tal-liġi u ma tkunx tidher li hi manifestament minimizzata w sproporzjonata għall-każ u huwa għal dawn ir-raġunijiet li ġie interpost dan l-appell.

Illi sitt xhur priġunerija hija piena mtaffija żżejjed u sproporzjonata meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost anke kieku din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju ta' l-appellant, piena ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' tmien mitt Euro (€800) hija piena li tmur taħt il-minimum preskritt bil-ligi f'dan il-kaz.

Illi f'dan il-kaz l-appellat instab ħati ta' pussess aggravat ta' kokaina u pussess sempliċi ta' cannabis. Il-pussess aggravat iġib piena mandatorja ta' bejn sitt xhur priġunerija sa għaxar snin kif ukoll multa ta' mhux inqas minn €465.87 iżda mhux iżjed minn €11,646.87. Il-piena ta' pussess sempliċi bħala minimum iġġib piena ta' tliet xhur priġunerija iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn €465.87 iżda mhux izjed minn €2,329.37 jew it-tnejn flimkien. Sitt xhur priġunerija allura huwa biss il-minimu li l-Qorti setghet tagħti f'każ li sabet ħtija fuq pussess aggravat biss. F'dan il-każ instabet ħtija anke ta' pussess sempliċi, reat li huwa separat u distint mill-pussess aggravat. Il-Qorti tal-Magistrati kellha għalhekk ukoll timponi terminu ta' priġunerija ieħor b'applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, ossia żieda fil-piena minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni ta' pussess sempliċi minħabba l-konkors tar-reati.

Ikkonsidrat

**Id-Dritt tal-Appell tal-Avukat Ġenerali skond il-Kap 101**

L-ewwelnett dan l-appell, intavolat mill-Avukat Ġenerali, huwa unikament dwar il-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti.[1] Id-dritt ta' appell li għandu l-Avukat Ġenerali f'każi tad-droga joħroġ mill-artikolu 33 tal-Kap 101 li jiddisponi hekk:

*'Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali dejjem ikollu jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati dwar proċedimenti kriminali li jinqalgħu mid-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.'*

Kif issommetta l-Avukat Ġenerali din il-Qorti ma tiddisturbax il-piena mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti dment li dik il-piena :

[1] L-imputat kien intavola appell fl-10 ta' Ġunju 2010; l-Avukat Ġenerali intavola l-appell tiegħu fl-14 ta' Ġunju 2010; l-imputat irtira l-appell tiegħu fit-13 ta' Lulju 2010.

*‘tkun entro l-parametri tal-Liġi u ma tkunx tidher li hi manifestament minimizzata u sproporzjonata għall-każ’.*

Din is-sottomissjoni hija riflessa f’diversi sentenzi erogati minn dina l-Qorti fosthom ‘Il-Pulizija versus Martin Farrugia’ (ara iżjed ‘l isfel) fejn ingħad:

*‘In materja ta’ piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddistruba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat.’*

L-istess ingħad fis-sentenza ‘Il-Pulizija versus Nicola Farrugia’ tat-2 t’Ottubru 2002 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

*‘Mhux normali li l-Qorti tal-Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni li jkollha l-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena, sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi jew ma tkunx manifestament sproporzjonata meqjusa ċ-ċirkostanzi tal-każ.’ (Volume LXXXVI Part IV paġina 258).*

Fiż-żewġ każijiet ċitati l-appellant **kien l-imputat** u **mhux l-Avukat Ġenerali**.

**Is-Sentenzi Ppreżentati**

Matul il-proċeduri tal-appell kienu ppreżentati tliet sentenzi. L-ewwel waħda hija ‘Il-Pulizija versus Marius Magri’ tat-12 ta’ Mejju 2005 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li kienet esprimiet il-*lurking doubt* tagħha dwar il-pussess aggravat, sabet lill-imputat ħati ta’ pussess sempliċi biss u ikkundannat lill-imputat għal 4 xhur priġunerija. L-ammont ta’ droga involut kien ta’ 109.451 grammi **cannabis**.

It-tieni sentenza hija dik tal-15 t’Ottubru 2008 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Martin Farrugia’ fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet naqqset il-piena għaliex il-purita’ tal-**kokaina** kienet ta’ 3% u l-ammont involut kien ta’ **36.94**

**grammi**. Konsegwentement il-Qorti qieset l-ammont bħala 1.1082 u l-piena naqset għal tnax-il xahar.

It-tielet sentenza hija dik li ngħatat fid-29 ta' Lulju 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn il-Qorti **ma kinitx** sabet lill-imputat ħati ta' pussess aggravat iżda sabitu biss ħati ta' ta' pussess sempliċi iżda serju. L-ammont ta' **kokaina** kien ta' 47.67 grammi b'purita' ta' 96%. (fol 3). Ma kien hemm ebda appell minn din is-sentenza li kellha piena ta' multa u xogħol fil-komunita'.

Fil-każ odjern l-appellant huwa l-Avukat Ġenerali u mhux l-imputat. L-artikolu 33 tal-Kap 101 ma jarġinax b'xi mod id-dritt tal-appell tal-Avukat Ġenerali li għalhekk jista' jappella wkoll fuq il-piena imposta.

L-ammonti tad-droga kokaina involuti f'dan il-każ huma ta' 48.51 grammi u 52.70 grammi b'purita' ta' 70% u 90% rispettivament ( total ta' 101.21 grammi jew, jekk wieħed jieħu l-piż nett, 33.95 u 47.43 u total ta' 81.38 grammi).

**Xi Deċiżjonijiet Oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali**

Ħarsa ħafifa lejn xi ftit deċiżjonijiet mogħtija (jew li kienu konfermati) mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-passat tagħti dawn ir-riżultati:

(a) Il-Pulizija kontra Joseph Anthony Cini (21 ta' Lulju 1999): ammont **sitt** qratas eroina; piena: **għaxar** xhur priġunerija u multa ta' Lm500;

(b) Il-Pulizija kontra John Polidano (30 t'April 1997): ammont: **seba'** qratas **eroina;** piena: sena priġunerija u multa ta' Lm500;

(ċ) Il-Pulizija kontra Joseph Grech (23 ta' Ġunju 1997): ammont **1.7732 grammi eroina**; piena: Sena u erba' xhur priġunerija u multa ta' Lm1,100 (Hawn il-Qorti tal-Appell kienet naqqset il-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati);

(d) Il-Pulizija kontra Carmel Spiteri: (2 ta' Settembru 1999): Ammont: **179.8** grammi cannabis. Piena: (Wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali ħassret is-sejbien ta' ħtija ta' pussess aggravat u sabet biss is-sejbien ta' ħtija ta' pussess sempliċi): 5 xhur priġunerija u Lm250 multa;

(e) Il-Pulizija kontra Mohammed Ben Hassan Trabelsi (17 ta' Frar 1997): Ammont: 98 gramma kokaina. Purita' 90%. Piena: (ikkonfermata): 4 snin priġunerija u Lm2000 multa; **Dan il-każ kien jinvolvi l-importazzjoni.**

(f) Il-Pulizija versus Carmel Degiorgio (26 ta' Awwissu 1998): Ammont: 10.0102 grammi cannabis; piena (ikkonfermata): sitt xhur priġunerija u multa ta' Lm200;

(g) Il-Pulizija kontra Emanuel Calleja (6 ta' Jannar 1997):3 grammi eroina; purita' 77.7%; piena: gravanti : fil-perimetru ta' mitt metru minn skola jew post fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ; 4 snin u sitt xhur priġunerija u multa ta' Lm1,500 (il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet ridotta b'sitt xhur).

Ikkonsidrat

**X'elementi qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha**

A fol 244 insibu dawn il-konsiderazzjonijiet:

*'Għall-finijiet ta' piena l-Qorti kkonsidrat il-fedina penali relattivament netta tal-imputat, id-dewmien f'dawn il-proċeduri, liema dewmien ma kienx kollu attribwibbli lill-imputat kif ukoll li mis-Social Inquiry Report jidher li huwa qed jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex jegħleb il-problema tad-dipendenza tad-droga u għalhekk sejra tapplika piena karċerarja fil-minimum.'*

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dawn l-elementi u **taqbel mal-kummenti tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar il-fedina penali, dwar ir-raġunijiet għala twalu xi ftit dawn il-proċeduri, u dwar il-progress li għamel l-imputat**

**(għalkemm mir-rapport jidher li sas-sena 2008 kien għad għandu problema bil-cannabis).**

Biss jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti **ma qisitx l-ammont ta' kokaina involut u l-purita' ta' dan l-ammont.**

Huwa tassew li l-ġudikant għandu diskrezzjoni wiesgħa fl-applikazzjoni tal-piena u **li kull każ huwa storja għalih**. Dan jidher kemm mill-każistika Maltija li tidher hawn fuq kif ukoll minn każistika barranija. Kull każ ikollu l-fatturi tiegħu speċjali kif fil-fatt jidher minn listi ta' piena li ngħataw li mhux biss jindikaw l-ammonti iżda wkoll xi jkun l-fattur speċjali tal-każ in kwistjoni.

Issa , ikunu xi jkunu l-fatturi mitiganti kollha, **ma jistax wieħed jinjora x'ammont** u x'purita' ta' droga huma involuti bħalma wieħed irid jagħmel differenza bejn serqa ta' 200 Ewro u serqa ta' 2,000 Ewro. Fil-każ odjern si tratta ta' ammont sostanzjali b'purita' elevata ħafna.

Mid-deċiżjonijiet li għalihom saret referenza, l-Qorti ma sabet ebda deċiżjoni tal-Qrati tal-Appell Kriminali jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn

(a) l-imputat kien misjub ħati ta' pussess aggravat, kif ġara fil-każ odjern, u
(b) li kienet tinvolvi dan l-ammont ta' kokaina u
(ċ) li l-kokaina kienet tinvolvi dan l-ammont għoli ta' purita'

u li fih ingħatat sentenza fil-**minimum**.

Il-Qorti fliet ukoll xi ftit każi esteri biex forsi jkollha xi pattern iżda dawn mill-ewwel juru varjeta' kbira ta' pieni li ma joħolqux xi pattern ukoll meta dawn ikunu għal xi ammonti li jixxiebħu. [2] ( eżempji li jinvolvu l-kokaina : Regina versus McLean (1994)(15 Cr,Appell.R, (S) 706 288 grammi **għall-użu personali** 85% purita' 5 snin priġunerija; Regina versus Milton (1996) 1,56 grammi

---

[2] Ara: Forstan: Misuse of Drugs appendix.

b'purita' ta' 24% bl-intenzjoni li jaqsamha ma' ħbiebu 12-il xahar priġunerija 1 Cr.App R(s) 281)

Tali eżerċizzju ta' eżami ta' sentenzi diversi pajjiżi ftit jista' jkun ta' ispirazzjoni minħabba li l-pieni jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor u fi Stat Federali jista' jkun hemm differenza bejn Land u ieħor.

Il-każ Malti l-aktar viċin għall-każ odjern huwa Appell Numru 206/96 Qorti tal-Appell Kriminali preseduta minn dak li llum huwa President Emeritus tal-Qorti l-STO Dr Vincent Degaetano tas-17 ta' Frar 1997 fl-ismijiet 'Mohammed Ben Hassan Trabelsi'. (Biss dan il-każ kien jinvolvi wkoll l-importazzjoni, element nieqes fil-każ odjern u l-Qorti ser tqis in-nuqqas ta' dan il-fattur).

Għalhekk il-Qorti qed tagħti raġun lill-Avukat Ġenerali dwar l-ewwel aggravju, jiġifieri li l-piena setgħet kienet **u għandha** tkun akbar u qed tilqa' l-ewwel aggravju u ser tipprovdi dwaru fl-aħħar paragrafu.

Dwar it-tieni aggravju, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha s-setgħa li tapplika l-multa biss (għax kienet imputazzjoni ta' pussess sempliċi) u tapplika wkoll l-artikolu 17(f) tal-Kap 9 u tirriduċi l-multa fil-minimu tagħha b'nofs minħabba li kienet tkun diġa' kkundannat lill-imputat. L-Ewwel Onorabbli Qorti imponiet multa ta' €800. Jekk l-ewwel multa kienet ta' €468 (il-minimu possibbli) , it-tieni multa setgħet tkun ta' €234. Jekk jingħaddu flimkien dawn iġibu s-somma totali ta' €702. Tenut kont ta' x'tat l-Ewwel Onorabbli Qorti dwar ll-imputazzjoni ta' pussess aggravat, id-differenza fl-ammont tal-multa għat-tieni imputazzjoni kienet fil-parametri tal-Liġi. Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza kif ġej: billi tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti mogħtija fit-28 ta' Mejju 2010 safejn l-imputat kien misjub ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni iżda kien liberat mill-addebitu tar-reċidiva, u dan kien ikkundannat

iħallas l-ispejjeż tal-esperti (€299.32) u, wara li laqgħet l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali u ma laqgħetx it-tieni wieħed, qed tħassarha u tirrevokha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lill-imputat għal piena ta' sitt xhur priġunerija u l-ħlas ta' multa ta' €800 u minflok, u, wara li qieset l-elementi kollha (inklużi: il-fedina penali kif kienet dak iż-żmien, id-dewmien u l-progress li, sas-żmien tas-sentenza, kien għamel l-imputat ) li kkonsidrat l-Ewwel Onorabbli Qorti, is-sentenzi ppreżentati matul il-proċeduri tal-Appell, u magħhom l-element tal-ammont ta' droga u l-purita' tagħha involut, li l-imputat ma bbenefikax minn ammissjoni bikrija u / jew mill-artikolu 29 tal-Kap 101 u li dan il-każ ma fihx l-element ta' importazzjoni li jidher bħala fattur fil-każ 'Il-Pulizija kontra Mohammed Ben Hassan Trabelsi' u, wara li rat ukoll l-artikolu 17(f) tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat, għal piena ta' sentejn u disa' xhur priġunerija u għal ħlas ta' multa komplessiva ta' €2834 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 100 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien xahar mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas tal-multa jew ta' xi parti minnha, din għandha tinbidel fi priġunerija skond il-Liġi.

Għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat diġa' għadda fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin b'konnessjoni ma' dan il-każ mill-piena karċerarja u titnaqqas ukoll kull parti mill-multa li diġa' tħallset jekk tħallas xi ammont.

Iż-żmien ta' xahar għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti lir-reġistratur jibda għaddej mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------